MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 796/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C.Reg.No.C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Antonio sive Antonino Amore (ID:29602L) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Antonio sive Antonino Amore**

**vs**

**Alexander Scicluna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm243.28), rapprezentanti danni kagunati f'incident tas-6 ta' Dicembru, 2002, fi triq il-Principessa Margerita, Msida, meta crane imhaddem mill-konvenut laqghat cable, liema cable laqghtet il-vettura numru FBC-362**

**propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici u liema vettura kienet ipparkjata. Din il-vettura kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, u dana stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parti tieghu;**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) "excess" imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Antonio sive Antonino Amore, li kien assikurat taht polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 2003, u bl-imghax pagabbli mit-13 ta' Ottubru, 2003 sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentata mis-socjeta` attrici fl-24 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta, u konsegwentement it-talba attrici ghandha titqies bhala pruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm243.28) bl-imghaxijiet legali dekorribli mit-13 ta' Ottubru, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------